**LOUIS GALEA JINGĦATA 'ĠIEĦ L-IMQABBA' 2008**

Il-Kunsill Lokali tal-Imqabba unanimament qabel li ***Ġieħ l-Mqabba*** din is-sena jingħata lil Dr Louis Galea, Speaker tal-Kamra tad-Deputati.

Il-*Ġieħ* ġie preżentat mis-Sindku Noel Galea f'serata apposta organizzata fis-sala tal-Iskola Primarja 'Kulleġġ San Benedittu', Mqabba, fil-preżenza ta' diversi Mqabbin li kienu mistiedna għall-okkażjoni. Il-banda tas-Soċjetà Mużikali Madonna tal-Ġilju esegwiet programm taħt id-direzzjoni tas-Surmast Andrew Calleja.

Fil-messaġġ tiegħu, s-Sindku Noel Galea fisser li l-unur prestiġjuż mogħti mill-Gvern Lokali ma jingħatax biex iħallas lil dak li jkun tax-xogħol imprezzabbli li jkun wettaq fil-komunità. "Il-*Ġieħ* li qed nagħtu huwa rikonoxximent mill-Imqabbin għall-ħidma bla waqfien għall-ġid tal-poplu ta' persuna ġeneruża kif hu Louis Galea. M'hemmx dubju li l-Onor. Louis Galea għamel ġieħ kbir lir-raħal tagħna."

Min-naħa tiegħu Louis Galea sostna l-apprezzament tiegħu għall-ġest tal-Kunsill. Huwa qal li għalih il-*Ġieħ* ifisser ukoll ir-rikonoxximent tal-poplu lejn min jiddedika ruħu għas-servizz tal-ħajja pubblika u fil-volontarjat.

"Erbgħin sena ilu aċċettajt u bdejt il-vokazzjoni tal-ħidma politika tiegħi f'dan ir-raħal fejn twelidt, trabbejt u ħdimt għal ġid tal-Imqabbin kollha. Mingħajr l-appoġġ u r-rispett kostanti tan-nies tar-raħal ma kienx ikun possibbli li nagħti l-kontribut tiegħi fl-iżvilupp tas-soċjetà Maltija tul is-snin li ħdimt fil-politika, kważi għoxrin sena minnhom bħala Ministru tal-Gvern," qal Louis Galea.

Aktar kmieni din is-sena Dr Louis Galea ingħata wkoll ***Ġieħ is-Siġġiewi*** mill-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi.

**DOI – 27.10.2008**